Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAT-TLIETA U ERBGĦIN LAQGĦA AĠĠORNATA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Erbgħa, 23 ta' Frar 2011

**Ħin:** Mis-5.38pm sat-8.00pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello (wasal fis-5.56pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
L-Avukat Trevor De Giorgio
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Guido Borg

Peres li s-Sindku kien għadu ma wasalx u kien hawn quorum il-Viċi-Sindku ħa s-siġġu u l-laqgħa bdiet.

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tlieta u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Tlieta u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 9 ta' Frar 2011 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tat-Tlieta u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 9 ta' Frar 2011 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti.</u>**

1. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill stima li ġġib id-data tal-21 ta' Frar 2011 li pprezenta l-kuntrattur li tammonta għas-somma ta' €500 plus VAT (mehmuza) biex jirranġa l-bank tal-gazebo. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi saret laqgħa fuq il-post fejn ġie speġat kif ser isir ix-xogħol. Fuq proposta tal-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg, il-Kunsill unanimament approva l-istima u ordna li jsir ix-xogħol.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-minuti ta' l-laqgħa li saret ma rappreżentanti tal-Kazin San Gabriel u nfurmat lill-Kunsill illi saret laqgħa fuq il-post dakinhar stess wara nofsinhar fil-prezenza tas-Sindku dwar fejn ser titqiegħed il-*bus Shelter* tal-Pjazza fejn ġie deċiż li l-uniku post li tista ssir huwa ħdejn l-arblu tal-bandiera billi jittieħdu żewġ *parking spaces* u tiġi estiza l-bankina biex takkommoda l-karozzi *low floor*. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li l-ispejjes tal-permess tal-MEPA u tal-kostruzzjoni u stallazzjoni tal-bankina u *bus shelter* ser jitħallas mill-PTA. Is-Segretarju Ezekuttiv innotat li ser jintrebħu l-*parking bays* li kienu ġew mitlufa fi Triq Guze Bonnici peres li l-*buses* ser

ikunu ta’ 9 metri tul u għaldaqstant mhux ser ikun diffiċli biex iduru, għaldaqstant is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li kitbet lill-Transport Malta biex inkunu nistgħu niżbugħ *parking bays* fejn illum hemm tabelli *No Parking* kif tidħol fis-seħħ ir-riforma tat-trasport pubbliku f’Lulju li ġej.

**F’dan il-ħin daħal is-Sindku u ħa s-siġġu.**

3. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi nhar il-Ġimgħa, 18 ta’ Frar 2011 waqgħu żewġ friegħi kbar tas-siġra tal-fikus li tinsab fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, waħda qrib l-nofsinhar u l-oħra għal-ħabta ta’ l-4.00pm. Nhar it-Tnejn is-siġra ġiet miżbura sew biex jiġu evitati inċidenti oħra.

4. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea nforma lill-Kunsill illi fl-istess ġurnata ta’ maltemp waqa’ parti mill-ħajt ta’ propjeta ta’ Polidano, 57 fi Triq il-Kbira kantuniera ma Sqaq Numru 1 fi Triq il-Kbira u ġie mblukkat l-isqaq. Azzjoni ttieħdet mill-ewwel biex jiġi mneħħi l-periklu imma kien meħtieġ li jiġu xxiftjati *cables* minn fuq bracket għal-fuq arblu u dan ix-xogħol sar ukoll u kien tlesta sa nhar it-Tlieta filgħodu. Id-ditta Polidano imbad neħħiet il-periklu u bdiet tibni l-ħajt li llum kwazi tlesta. Il-Viċi-Sindku qal li, li kien għalih Polidano ħa l-okkazzjoni biex iwaqqa l-ħajt tal-faċċata ukoll imma huwa ma ħallieħ u qallu li jekk ikun jaf li behsiebu jagħmel dan, huwa stess jagħmel rapport lill-MEPA.

5. Il-Kunsillier G. Borg informa lill-Kunsill illi ser issir laqgħa ta’ Forum Lokalita’ nhar it-Tlieta, 2 ta’ Marzu 2010 fis-6.30pm biex tingħata informazzjoni mill-kordinatur dwar Jum il-Ġonna.

6. Dr. T. DeGiorgio ppropona li l-programm ta’ Jum Ħal Balzan jinbidel xi ftit billi l-quddiesa ssir fid-9.30am, wara l-quddiesa jsir kunċert fuq il-vjolin ta’ madwar 20 minuti minn Joseph Chetcuti u wara jingħata l-Ġieħ Ħal Balzan. Il-Kunsill talab lill-Kunsillier Dr. T. Degiorgio biex jipprezenta stima ta’ l-ispejjes involuti sabiex titressaq waqt il-laqgħa li jmiss għall-approvazzjoni u jikkommunika mal-Kappillan dwar jekk jistax jinbidel il-ħin tal-quddiesa.

7. Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv tistaqsi jekk xi sezzjoni ta’ l-armata tneħħiex ħamiem selvaġġ mit-toroq. Dak il-ħin stess il-Viċi-Sindku ċempel lill xi ħadd l-armata biex jivverifika u huwa nforma lill-Kunsill illi l-armata mhiex responsabbli mit-tneħħija tal-ħamiem imma jista jkun li s-sezzjoni tal-Puliżija ALE tista tagħmel dan, imma sa fejn jaf hu ma tistax tneħħi ħamiem mill-ambjent tiegħu.

8. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill risposta *draft* għal-Mistoqsija Parlamentari 23983 dwar Toroq li jaqgħu fir-responsabbilita’ tal-Kusnill u li ma jistgħux isiru x-xogħolijiet fuqhom (mehmuza). Wara diskussjoni, l-Kunsill unanimament qabel li tingħata risposta skond kif ġiet emendate r-risposta *draft* li ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juru li huwa dokument korrett.

**3. <u>Korrispondenza.</u>**

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn l-10 ta’ Frar 2011 u t-23 ta‘Frar 2011 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ipprezentata li ġġib id-data tat-23 ta’ Frar 2011 (mehmuz).

**Ittra Numru 198:** Memo 121/2010 dwar Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-lokalitajiet 2011 fejn infurmawna li ngħatajna €220 biex norganizzaw *aerobic classes* ġiet innutata.

**Ittra Numru 197:** L-ittra tas-Segretarju Ezekuttiv lill kull kunsillier dwar il-*bus shelter* tal-pjazza ġiet innutata.

**Ittra Numru 196:** Ir-risposta tal-MEPA dwar jekk hemmx bżonn ta’ permess tal-MEPA biex tiġi restawrata l-istatwa ta’ Santa Marija ġiet innutata.

**Ittra Numru 195:** L-ittra ta’ l-AKL dwar f’istat ta’ l-applikazzjoni tal-*bus shelter* ġiet innutata.

**Ittra Numru 194:** L-emajl ta’ Heritage Resco dwar kif għandu jintrama l-*iscaffolding* madwar l-istatwa ġiet innutata.

**Ittra Numru 193:** L-emajl min-National Audit Office dwar xi korrezzjonijiet li hemm bżonn fil-*financial statements* għas-sena 2010 ġiet innutata.

**Ittra Numru 192:** L-ittra tas-Sur Muscat mill-Muzew tas-Subien dwar kontravenzjoni ġiet innutata. Il-Kunsillier Dr. T. Degiorgio informa lill-Kunsill illi huwa informa lis-Sur Muscat li ser jitla’ miegħu quddiem it-tribunal.

**Ittra Numru 191:** L-ittra mill-Kumitat Konġunt Reġġjonali dwar nuqqas ta’ attendenza mill-membri ġiet innutata. Is-Sindku nforma lill Kunsill illi huwa ma setgħax jattendi minħabba f’impenji oħra u talab lis-Segretarju Ezekuttiv tinforma lill-Kumitat Reġġjonali Ċentrali li ma jkunx jista jattendi nhar it-Tnejn u nhar it-Tlieta imma jkun jista jattendi l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa wara s-6.30pm.

**Ittra Numru 171:** L-emajl dwar is-smiegħ ta’ applikazzjoni Numru 5942/08 tal-MEPA ġiet innutata. Dr. T. DeGiorgio informa lill-Kunsill li huwa ser jattendi biex jirrapprezenta lill-Kunsill.

**Ittra Numru 170:** L-emajl tas-Sur Bezzina dwar il-ktieb tiegħu fuq Ħal Balzan ġiet innutata.

**Ittra Numru 166:** L-emajl mill-MSA dwar il-bzonn li tinħatar persuna responsabbli mill-Ġnien tal-*Playing Field* ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li l-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea jieħu ħsieb il-Ġnien tal-*Playing Field*. Il-Viċi-Sindku aċċetta din ir-responsabilita’.

**Ittra Numru 157:** L-ilment dwar il-latrina publika ġie nnutat. Il-Viċi-Sindku nnota li Josies Bathrooms ma kellhomx parts biex jiġi rranġat il-*flushing* għalhekk kien għadu ma sarx ix-xogħol. Dwar *toilet paper* il-Viċi-Sindku nnota li huwa stess kien qal lill-kuntrattur biex ma jħalliex *toilet paper* għax kien qed jinstab mormi anki fil-*playing field*. Il-Kunsill unanimament qabel li jixtri 5 *toilet roll holders* tal-metall biex it-*toilet paper* jinqafel fihom.

**Ittra Numru 156:** L-emajl minn Transport Malta dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill biex issir zebracrossing fi Triq il-Kbira ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li bagħatet risposta lill-Transport Malta dwar il-punti mqajma wara li saret laqgħa fuq il-post bejn is-Sur Kevin Zahra tal-Public Transport Authority u s-Sindku. Kopja tar-risposta ntbagħtet lill kull kunsillier dakinhar stess li ntbaggħtet (mehmuza).

**Ittra Numru 144:** It-talba tal-Kazin San Gabriel biex naħdmu flimkien fuq attivita’ li ser jorganizzaw fl-okkazjoni ta’ Ħadd il-Palm ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li l-parti tal-Kunsill tkun li jħallas l-ispejjes tal-pulizija, l-iscouts u t-trasport li jammontaw għas-somma ta’ €200.

## 4. Rapport Finanzjarju Annwali għas-sena 2010.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2010 kif emendat wara li sar l-*audit*.

Ir-rapport finanzjarju annwali għas-sena 2010 kien propost għall-approvazzjoni mill-Kunsillier G. Borg li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio. Ir-rapport ġie approvat unanimament u sitt kopji tar-rapport ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juri li huwa dokument korrett. Ġiet iffirmata ukoll *letter of representation* bid-data tat-23 ta' Frar 2011.

## 5. Diskussjoni dwar l-kwotazzjonijiet li ntefgħu għar-Restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija –S.M.3/10.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed l-*file* li fih l-iskedi tal-kwotazzjonijiet li ntefgħu fir-rigward tar-restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija (mehmuz). Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda l-minuti ta' laqgħa li saret mar-rapprezentant ta' Heritage Resco fis-16 ta' Frar 2011. Il-Kunsill unanimament qabel li nitolbu lill min tefa' l-kwotazzjoni biex jindika ż-żmien ta' garanzija tax-xogħol li ser isir, jissottometti stima ta' l-ispejjes ta' manutenzjoni annwali u jindika jekk ikunx hemm bżonn li jsir *scaffolding* biex isir il-manutenzjoni u dan sabiex il-Kunsill ikun jaf xi spejjes hemm biex ikun jista jieħdu deċiżjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-kunsill illi żewġ entitajiet kienu lesti jsellfu l-*iscaffolding* b'xejn imma l-Kunsill irid jieħu ħsieb li jarmaħ u jzarmaħ. Il-Kunsill unanimament qabel li niksbu kwotazzjoni għall-armar ta' l-*scaffolding* minn nies professjonali.

## 6. Diskussjoni dwar l-kwotazzjonijiet li ntefgħu għal-Wireless CCTV camera Ġnien Joseph A. Stellini – W.C. 1/10.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed l-*file* li fih l-iskedi tal-kwotazzjonijiet li ntefgħu fir-rigward tal-Wireless CCTV camera (mehmuz).

Is-Sindku staqsa jekk ġietx stallata l-*wi-fi* fil-pjazza sabiex ikun jista jara x'distanza taqbad biex ikun jista jieħu deċiżjoni dwar is-*cctv camera*. Il-Kunsill ser jiddiskuti l-kwotazzjonijiet fil-laqgħa li jmiss.

## 7. Kunsill Lokali Żagħżagħ.

Dr. T. DeGiorgio informa lill-Kunsill illi f'dan l-istadju l-Kunsill Lokali Żgħażagħ ma kellux x'jipprezenta lill-Kunsill.

## 8. Rapport dwar l-ilmenti.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-ilmenti li jġib id-data tat-23 ta' Frar 2011 (mehmuz).

1. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio talab li qabel ma l-Kunsill jara l-ilmenti xtaq li jagħti *feedback* dwar x'qalu l-ħaddiema dwar il-karru li ma nstabx fl-*istore* tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

   Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill żewġ *envelopes* li ġew issiġillati dakinhar ta' l-intervista li saret lill-ħaddiema tal-Kunsill u cioe' fl-14 ta' Frar 2011. Huwa nnota li kull ħaddiem iffirma żewġ kopji ta' l-*istatement* li għamel għal-mistoqsija tiegħu x'jaf dwar il-karru. Dr. DeGiorgio qal li peres li l-*istatements* li saru fil-prezenza tiegħu biss, minn kull ħaddiem waħdu, waqt li l-oħrajn kienu qed jistennew barra, ma kienux

jaqblu, huwa ħass li ma kellux jagħtihom kopja u fil-fatt issiġilla ż-żewġ settijiet, kopja tal-Kunsill u kopja ta' l-individwu, f'żewġ *envelopes* separati u tagħhom lis-Segretarju Ezekuttiv biex terfaħħom sakemm jiġu pprezentati lill-Kunsill.

Il-Kunsillier Dr. DeGiorgio fetaħ l-*envelopes* dak il-ħin stess fil-prezenza tal-membri kollha tal-Kunsill u beda jaqra. Jirrizulta li Joseph Desira, Hector Camilleri u Charles Azzopardi l-aħħar li raw il-karru kien ħmistax il-ġurnata minn meta għamlu l-*istatement* u Adam Dalli l-aħħar li ra l-karru kien għaxar xhur minn meta għamel l-*istatement* u kollha qalu li l-karru ntrema meta kienu qed inaddfu l-garaxx u fuq struzzjonijiet tal-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Gie nnutat li ma qablux kien fuq meta ntrema l-karru peres li kollha qalu li l-karru ntrema meta rawħ l-aħħar u ċ-ċirkostanzi kienu li kienu tqabbdu jnaddfu l-garaxx u jarmu xi affarijiet li ma kienx hemm bzonnhom.

Il-Kunsill innota li ha l-*istatments* biss biex jisma x'kellhom jgħidu l-ħaddiema imma ma kienx ser jieħu passi u din ma kienitx investigazzjoni peres li dan kien xogħol il-pulizija. Il-Kunsill innota li s-Segretarju Ezekuttiv kitbet lis-Superintendent u għaldaqstant issa l-kaz huwa f'idejn il-Pulizija biex jinvestigaw. Il-Kunsill unanimament qabel li kopja ta' l-*istatements* li saru minn kull ħaddiem tkun mehmuza mal-minuti u kopja tingħata lill-ħaddiem li għamilha.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-medja tal-Kunsill emajl li bagħtet lis-Sindku li ġġib id-data tat-18 ta' Frar 2011 (mehmuza) wara li nġibdet l-attenzjoni tagħha fuq jekk in-numru ta' lanterni li hemm fil-*playing field* jaqbilx man-numru ta' lanterni li xtara l-Kunsill.

   Is-Segretarju Ezekuttiv flimkien mas-Sindku u l-Viċi-Sindku għoddew n-numru ta' lanterni u dan jaqbel mal-kont li ċċertifika l-perit u cioe' li l-Kunsill xtara 4 lanterni bi tlett globi u 9 lanterni bi globu wieħed. Għaldaqtant l-informazzjoni li ngħatat li seta kien hemm xi abbuz ma rrizultatx. Hija nfurmat lill-Kunsill li l-persuna li ġibdet l-attenzjoni ġiet infurmata bir-rizultat u kienet qed tagħti risposta waqt laqgħa tal-Kunsill sabiex min jixtieq jista jirreferi għal-minuti li l-allegazzjoni ġiet ivverifikata u rrizultat li m'hiex minnha.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-WSC u Go gew mitluba jindikaw jekk hemmx bżonn ta' tibdil xi servizzi fi Triq it-Tabib Zammit qabel ma jingħata wiċċ ġdid. Ir-risposta tal-WSC kienet li jixtiequ li l-Kunsill jestendi l-*hot rolled asphalt* sa nofs Triq il-Wied ta' Ħal Balzan u sa nofs Triq Papa Piju XII biex ikunu jistaw jagħaqdu l-*main* ma dak li għaddej minn dawn it-toroq. Il-Kunsill unanimament qabel li jsir dan ix-xogħol sabiex it-triq ma terġax tinqala aktar il-quddiem. Il-Kunsill talab li jingħata stima ta' l-ispejjes kollha involuti u l-*commitment* tal-WSC li tħallas il-parti tagħha.

4. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea staqsa x'ser nagħmlu dwar il-lanterni li kellhom jitqiegħdu fil-parti d-dejqa ta' Triq Dun Spir Sammut fil-parti li tmiss ma Triq il-Lunzjata li sar il-*paving*. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li lantern għandna tnejn dawk li kienu nqalaw minn fuq il-*parvis* tat-Tliet Knejjes u jekk ġie mgħoddi d-dawl taħt il-wiċċ ta' Triq Dun Spir Sammut kull ma rridu nagħmlu hu li nwaħħlu l-lanterni. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea għandu jara jekk d-dawl ġiex mgħoddi meta sar il-*paving*.

5. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-sid ta' Palazzo Bosio fi Triq Mons. F. X. Zahra jixtieq li ssir bankina ġdida quddiem il-palazz sabiex il-vetturi ma jipparkjawx viċin tal-propjeta tiegħu b'tali mod li jagħlqulu l-bieb ta' barra. Is-Sindku nnota li ladarba bankini ġodda jsiru minn Transport Malta allura jekk il-Kunsill ma għandux oġġezzjoni nitolbu lill-Transport Malta biex issir bankina ġdida. Il-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir bankina ġdida u s-Segretarju Ezekuttiv għandha tibgħat t-talba lill-Transport Malta.

6. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li Triq il-Kbira qed tinqasam f'diversi postijiet u jeħtieġ li l-Kunsill jara x'jagħmel qabel ma tinqala kollha. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tara x'materjal jista jinxtara biex jiġi ssiġillat it-*tarmac* biex ma jkompliex jinqala.

**Ilment Numru 170011024137788 u 701101138287:** Talba biex tinbidel id-direzzjoni ta' traffiku fi Vjal il-Bon Pastur bejn Triq Bir Bal u Triq il-Ferrovija l-Qadima biex issir *one-way* lejn Triq Bir Bal. Il-Kunsill ikkunsidra t-talba u nnota li biex din it-triq issir *one-way* toroq oħra jiġu effettwati u probabbli li jiżdied it-traffiku, għaldaqstant it-talba ma ġiet milqugħa.

**Ilment Numru 17011062137973:** Talba biex titqiegħed lampa ġdida fi Triq Sir Antonio Micallef qrib *Celine Flats*. Il-Kunsill talab li ssir spezzjoni fuq il-post biex naraw x'hemm bzonn.

**Ilment Numru 17011055138706:** Talba biex issir *parking bay* quddiem garaxx fi Triq Dun Spir Sammut. Il-Kunsill innota li ma hemmx parking bays fit-triq, għaldaqstant unanimament qabel li jinżebgħu 1m *double yellow lines* fuq kull naħa tal-garaxx.

**Ilment Numru 17011100139002:** Talba biex flok *No Entry Trucks Except to Render a Service in the Street*, it-tabella taqra *No Entry Trucks* peres li t-triq dejqa ħafna u għadu jgħaddi t-trakk tal-gass. Il-Kunsill innota li din it-talba ma tistax tintlaqgħa peres li fit-triq hemm ħafna anzjani li jridu jingħataw is-servizz mid-distributur tal-gass.

**Ilment Numru 17011040139310:** Talba biex titqiegħed *cctv camera* fil-Wied ta' Ħal Balzan ħdejn il-*bring-in-site*. Il-Kunsill ma approvax li ssir *cctv camera* imma talab li jsir *enforcement*.

**Ilment Numru 17011046139368:** Talba biex ma jsirx *parking* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima fuq in-naħa ta' De Paule Avenue u li titneħħa l-bankina għoja biex flokha jkun jista jsir *parking*. Il-Kunsill ikkunsidra t-talba imma ma laqaħħiex.

**Ilment Numru 17011056139582:** Talba biex issir *barrier* quddiem l-bieb tas-Sala Aurora. Il-Kunsill unanimament approva t-talba u ser jitlob lill-Transport Malta toħroġ il-permess neċessarju.

**Ilment Numru 17011084139610:** Talba biex issir *un/loading bay* mis-sid tal-Qronfla quddiem 59 Triq San Frangisk. Il-Kunsill innota li din it-talba diġa saret fil-passat lill-Transport Malta u ġiet miċħuda. Il-Kunsill talab li tintbagħat kopja tad-deċizjoni ta' Transport Malta lill min għamel it-talba.

## 9. Approvazzjoni biex isir il-ħlas.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-23 ta' Frar 2011 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €1391.71.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi- Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet u l-ħlas li sar mill-*petty cash*. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

## 10. Affarijiet Oħra.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq i l-medja tal-Kunsill, il-minuti ta' laqgħat li saru dwar Jum il-Ġonna u Festa Natura li jġibu d-dati tat-28 ta' Jannar 2011, tat-3 ta' Frar 2011 u tal-15 ta' Frar 2011 (mehmuza).

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 16 ta' Marzu 2011 fil-5.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Ms. M. Zammit**
Segretarju Ezekuttiv

Data